

Brussell, 19 ta' Mejju 2017
(OR. en)

9381/17

DEVGEN 103
ACP 50
RELEX 428
SOC 405
WTO 116
COMER 71
FDI 9

EŻITU TAL-PROĊEDIMENTI

minn: Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill

fi: 19 ta' Mejju 2017

lil: Delegazzjonijiet

Nru. dok. preċ.: 9002/17

Suġġett: Katini ta' Valur tal-Ilbies Sostenibbli
- Konklużjonijiet tal-Kunsill (19 ta' Mejju 2017)

Id-delegazzjonijiet isibu fl-anness il-konklużjonijiet tal-Kunsill dwar il-Katini ta' Valur tal-Ilbies Sostenibbli, adottati mill-Kunsill fit-3540 laqgħa tiegħu li saret fid-19 ta' Mejju 2017.

Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar il-Katini ta' Valur tal-Ilbies Sostenibbli

1. Il-Kunsill ifakkar li madwar 75 miljun persuna jaħdmu fis-settur tat-tessuti u tal-ilbies madwar id-dinja. Il-biċċa l-kbira tal-forza tax-xogħol tinsab fil-pajjiżi li qed jiżviluppaw fejn 75% tal-ħaddiema f'dan is-settur huma magħmula minn nisa u bniet u fejn il-katini tal-provvista ta' sikwit jestendu għal ħaddiema mid-dar. Il-Kunsill jirrikonoxxi l-potenzjal tas-settur bħala l-mutur tal-iżvilupp u l-emanċipazzjoni, iżda wkoll jagħraf il-kumplessità tal-katina tal-valur tal-ilbies u l-isfidi ekonomiċi, soċjali u ambjentali ewlenin li tippreżenta bħalma huma l-pagi baxxi, in-nuqqas ta' infurzar ta' drittijiet tax-xogħol inkluż il-libertà ta' assoċjazzjoni u n-negozjar kollettiv, in-nuqqas ta' sikurezza tal-bini, l-impatt dannuż ta' sustanzi kimiċi perikolużi, jew l-użu mhux sostenibbli tar-riżorsi. Inċidenti fatali fis-settur tal-ilbies, pereżempju bħall-kollass tal-fabbrika Rana Plaza fil-Bangladesh erba' snin ilu, jissottolinjaw l-importanza tal-promozzjoni ta' katini ta' valur tal-ilbies aktar sostenibbli u li jiġu indirizzati sfidi speċifiċi f'dan is-settur. Skont l-Għan ta' Żvilupp Sostenibbli (SDG) 8.7, il-Kunsill jappella għal miżuri biex ix-xogħol furzat jiġi eradikat, tintemm l-iskjavitù moderna u t-traffikar tal-bnedmin u tiġi żgurata l-projbizzjoni u l-eliminazzjoni tal-aġhar forom ta' impjieg tat-tfal fis-settur tal-ilbies. Il-Kunsill jissottolinja wkoll l-importanza tal-prevenzjoni ta' ksur tad-drittijiet tal-bniedem u li tiġi promossa r-Responsabbiltà Soċjali Korporattiva (CSR) / il-Kondotti Responsabbli tan-Negozju (RBC)¹ inkluż l-istandards soċjali u ambjentali u x-xogħol deċenti fis-settur tal-ilbies. Huwa essenzjali li dawn l-istandards u l-prinċipji jiġu applikati fil-katina tal-valur kollha tas-settur tal-ilbies.

¹ L-UE tuża s-CSR u l-RBC mingħajr distinzjoni. Fl-2011, l-Istrateġija tal-UE għas-CSR iddefiniet ir-responsabbiltà soċjali korporattiva bħala "ir-responsabbiltà tal-impriżi għall-impatti tagħhom fuq is-soċjetà" u enfasizzat li "biex iwettqu bis-sħiħ ir-responsabbiltà soċjali korporattiva, l-impriżi għandu jkollhom proċess operattiv li jintegra r-responsabbiltajiet soċjali, ambjentali, etiċi u dawk li jirrigwardaw id-drittijiet tal-bniedem u tal-konsumatur fl-operazzjonijiet ta' negozju u l-istrateġija ewlenija tagħhom b'kollaborazzjoni mill-qrib mal-partijiet interessati"

2. Il-Kunsill ifakkar fil-Konklużjonijiet tiegħu tat-12 ta' Mejju 2016 dwar l-UE u l-Katini ta' Valur Mondjali responsabbli fejn jappoġġa l-isforzi meħuda fir-rigward tal-promozzjoni ta' katini ta' provvista responsabbli bħall-Inizjattiva Ilbies tal-UE. Il-Kunsill jilqa' d-Dokument ta' Ħidma tal-Persunal tal-Kummissjoni dwar 'Katini ta' valur tal-ilbies sostenibbli permezz ta' azzjoni tal-UE għall-iżvilupp'² bħala l-ewwel pass importanti li għandu jwassal għal aktar sforzi ambizzjużi fis-settur tal-ilbies li jestendu lil hinn mill-kooperazzjoni għall-iżvilupp. Il-Kunsill jisħaq fuq il-ħtieġa għal impenn akbar u proattiv fl-UE u lil hinn biex jissaħħu l-katini ta' provvista sostenibbli u responsabbli u jappoġġa l-isforzi biex titmexxa 'l quddiem il-produzzjoni sostenibbli, il-konsum sostenibbli kemm minn atturi pubbliċi u privati u x-xogħol deċenti kif enfasizzat fil-Kunsens Ewropew għall-Iżvilupp il-ġdid, l-Aġenda 2030 u l-Għanijiet ta' Żvilupp Sostenibbli.
3. F'dan il-kuntest, il-Kunsill jappella lill-Kummissjoni sabiex tippromwovi l-għodod tal-informazzjoni għall-konsumatur u s-CSR/RBC inkluż permezz ta' diliġenza dovuta mwettqa minn kumpanniji fil-katina ta' provvista tagħhom. Kooperazzjoni aktar mill-qrib bejn inizjattivi eżistenti bejn diversi partijiet ikkonċernati fil-livell Ewropew hija meħtieġa sabiex jitrawwem impenn usa' għal CSR/RBC fis-settur tal-ilbies sabiex jiġu evitati effetti diskriminatorji għan-negozji li diġà jaġixxu b'mod sostenibbli, inkluż permezz ta' skemi volontarji bħall-Ekotikketta tal-UE. Barra minn hekk, il-Kunsill jissottolinja l-importanza li l-kumpanniji tal-UE jkollhom il-possibiltajiet għal kollaborazzjoni fi stadju ta' qabel il-kompetizzjoni biex jimmitigaw ir-riskji tal-katina tal-provvista.
4. Il-Kunsill jinkoraġġixxi r-ratifika u l-implimentazzjoni effettiva tal-konvenzjonijiet internazzjonali tax-xogħol, bħall-Konvenzjonijiet Ewlenin tal-ILO, u jfakkar fl-impenn tiegħu fir-rigward ta' linji gwida u prinċipji rikonoxxuti internazzjonalment, jiġifieri l-Prinċipji Gwida tan-NU dwar in-Negozju u d-Drittijiet tal-Bniedem, id-Dikjarazzjoni Tripartitika tal-ILO dwar il-Prinċipji li jikkonċernaw l-Intrapriżi Multinazzjonali u l-Politika Soċjali, u l-Linji Gwida tal-OECD għall-Intrapriżi Multinazzjonali, il-Patt Globali tan-NU, kif ukoll il-Ftehimiet Ambjentali Multilaterali.

² 8492/17 - SWD(2017) 147 final

5. Il-kooperazzjoni għall-iżvilupp tista' tkun għodda effettiva biex tittejjeb is-sostenibbiltà ta' katini tal-valur tal-ilbies sostenibbli. Il-katini tal-valur tal-ilbies sostenibbli għandhom jitwettqu billi jiġu appoġġati l-isforzi tal-gvernijiet, l-organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili (CSOs), in-negozji globali u lokali, inklużi l-intrapriżi mikro, żgħar u ta' daqs medju (MSMEs), is-sħab soċjali f'pajjiżi produtturi, l-organizzazzjonijiet internazzjonali, kif ukoll permezz tal-programmi u l-proġetti bilaterali u reġjonali. Sforzi bħal dawn jistgħu jgħinu wkoll biex jiġi promoss l-użu ta' ġestjoni sostenibbli tal-materja prima ewlenija u l-materja prima sekondarja ta' kwalità għolja, kif ukoll l-użu mill-ġdid u r-riċiklaġġ ta' ilbies u tessuti.
6. Il-Kunsill jilqa' b'sodisfazzjon iż-żieda fl-appoġġ permezz tal-kooperazzjoni għall-iżvilupp tal-UE għas-sostenibbiltà fis-settur tal-ilbies. Il-Kunsill jappoġġa azzjonijiet li jippromwovu u jxerrdu l-aħjar prattiki soċjali u ambjentali dwar ġestjoni responsabbli ta' katini ta' valur tal-ilbies b'mod partikolari billi jinvolvi ruħu ma' kumpanniji, assoċjazzjonijiet tan-negozju, CSOs, sħab soċjali, u billi jrawwem kollaborazzjoni u kondiviżjoni ta' għarfien bejn il-partijiet ikkonċernati. Il-Kunsill jinkoraġġixxi lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri tal-UE biex isaħħu l-isforzi biex tiżdied is-sensibilizzazzjoni tal-konsumaturi u l-fornituri pubbliċi sabiex jippromwovu konsum sostenibbli u responsabbli.
7. Il-Kunsill jappoġġa l-isforzi li għaddejjin rigward id-drittijiet tat-tfal kif ukoll tan-nisa u t-tiġħ tal-pożizzjoni ekonomika tan-nisa f'dan is-settur, inkluż permezz tal-implimentazzjoni tal-Pjan ta' Azzjoni tal-UE dwar is-Sessi 2016-2020³. Huwa jissottolinja l-ħtieġa li titrawwem l-ugwaljanza bejn is-sessi, jiġu appoġġati t-taħriġ u l-bini tal-kapaċità tal-ħaddiema nisa fis-settur tal-ilbies, jiġi indirizzat il-fastidju fuq il-postijiet tax-xogħol u jiġu promossi n-nondiskriminazzjoni, l-aċċess ugwali tan-nisa għal impjiegi produttivi, l-impjiegi diċenti u l-pagi ugwali.

³ 12249/15 - SWD(2015) 182 final

8. Il-Kunsill ifakkar fl-importanza li l-UE tassoċja mal-promozzjoni tad-drittijiet tal-ħaddiema, u x-xogħol deċenti, u jirrikonoxxi l-kontribut tad-djalogu soċjali, inkluż id-djalogu soċjali globali permezz ta' ftehimiet qafas internazzjonali, għal dan l-għan. Huwa jissottolinja l-kontribut ewlieni tal-kooperazzjoni għall-iżvilupp tal-UE fl-appoġġ tal-gvernijiet ta' pajjiżi produttori kif ukoll l-atturi l-oħra tas-soċjetà ċivili bħas-CSOs, is-sħab soċjali u s-settur privat, fit-traspożizzjoni u l-implimentazzjoni ta' standards internazzjonali fil-liġijiet nazzjonali tax-xogħol u dawk ambjentali u fl-appoġġ u l-monitoraġġ tal-infurzar effettiv tagħhom inkluż fil-livell tal-fabbrika.
9. Il-Kunsill jenfasizza l-importanza ta' traċċar tal-kimiċi użati fis-settur tal-ilbies u li jkunu preżenti f' prodotti finali tal-ilbies sabiex tinkiseb il-ġestjoni ambjentalment sana ta' kimiċi, fibri naturali u l-iskart u r-riżorsi kollha fis-settur tal-ilbies. Il-produzzjoni sostenibbli u effiċjenti fl-użu tar-riżorsi, inkluż il-promozzjoni ta' ċikli ta' materjal mhux tossiku hija meħtieġa biex tinkiseb ekonomija ċirkolari u jiġi żgurat aktar użu mill-ġdid u riċiklaġġ fis-settur tal-ilbies. Il-promozzjoni ta' ambjent ta' xogħol sikur hija kruċjali wkoll biex jiġi evitat theddid għas-saħħa minħabba l-espożizzjoni tal-ħaddiema għal sustanzi dannużi u tossiċi.
10. Il-Kunsill jinkoraġġixxi lill-Kummissjoni biex tappoġġa miżuri biex jiżiedu t-trasparenza u t-traċċabbiltà fil-katini tal-provvista tal-ilbies, pereżempju permezz ta' koordinazzjoni ma' attivitajiet li għaddejjin bħalissa fl-Istati Membri u inizjattivi internazzjonali mill-industrija, u jilqa' l-gwida l-ġdida tal-OECD dwar id-diliġenza dovuta għal katini tal-provvista responsabbli fis-settur tal-ilbies u taż-żraben. Skont l-SDG 8 u 12, il-Kunsill jissottolinja l-importanza li jitrawwem xogħol deċenti u ambjent li jwassal għal kummerċ responsabbli u li jinkoraġġixxi lill-kumpaniji, speċjalment dawk kbar u transnazzjonali, sabiex jadottaw prattiki sostenibbli, inkluż permezz tal-integrazzjoni tal-informazzjoni dwar is-sostenibbiltà fir-rappurtar tagħhom kif ukoll biex jinfurmaw u jibnu relazzjonijiet mal-klijenti tagħhom. Dawn l-isforzi ser jikkontribwixxu wkoll biex jiżiedu l-informazzjoni u t-trasparenza matul l-istadji differenti tal-katina tal-provvista tal-ilbies inkluż dwar il-kondizzjonijiet soċjali u ambjentali. Is-sensibilizzazzjoni tal-konsumaturi dwar tali informazzjoni hija pass importanti lejn katini ta' valur sostenibbli mtejbja fis-settur tal-ilbies.

11. Il-Kunsill ifakkar li l-qafas leġislattiv eżistenti fil-livell tal-UE applikabbli għas-settur tal-ilbies u jinkoraġġixxi aktar koerenza bejn il-kooperazzjoni għall-iżvilupp u l-għodod ta' politika ambjentali, tax-xogħol, tal-kummerċ u għodda oħra esterna biex jiġu promossi katini ta' valur tal-ilbies sostenibbli. Il-Kunsill jisħaq ukoll li l-ħidma li għaddejja taħt il-qafas ta' politika eżistenti tal-UE għandha tikkontribwixxi għall-Koerenza tal-Politiki għall-Iżvilupp. Is-sinerġiji bejn il-kooperazzjoni għall-iżvilupp, il-politiki ambjentali u tax-xogħol u l-għodod kummerċjali jista' jkollhom impatt kombinat għall-iżvilupp fis-settur tal-ilbies. Il-Kunsill jilqa' l-inklużjoni sistematika u l-implimentazzjoni tad-dispożizzjonijiet tal-kummerċ u tal-iżvilupp sostenibbli (TSD) fil-Ftehimiet Kummerċjali tal-UE ma' pajjiżi li qed jiżviluppaw, u jappella lill-Kummissjoni biex tiżgura l-implimentazzjoni effettiva ta' dawn id-dispożizzjonijiet. L-użu effettiv tal-kapitoli tat-TSD u għodod oħra biex jappoġġaw l-iżvilupp sostenibbli huma importanti wkoll għat-titjib ambjentali u l-istandards tax-xogħol u l-prattiki ta' akkwist sostenibbli fis-settur tal-ilbies. Ir-rieżami li jmiss tal-Istrateġija tal-Għajjnuna għall-Kummerċ tal-UE, għandu jikkontribwixxi biex isegwi l-oġġettivi ta' żvilupp sostenibbli. Il-Kunsill jinkoraġġixxi lill-Kummissjoni biex tkompli u tintensifika d-djalogu tagħha mal-benefiċjarji ta' 'Kollox ħliet Armi' (EBA) bl-għan li jiġu miġġielda vjolazzjonijiet serji u sistematiki tad-drittijiet tal-bniedem u l-istandards tax-xogħol ewlenin kif intwera reċentement fil-kuntest tal-Patt dwar is-Sostenibbiltà tal-Bangladesh.
12. Il-Kunsill jissottolinja li l-impenn tal-gvernijiet f'pajjiżi produttori biex jistabilixxu u jimplimentaw kondizzjonijiet ta' qafas legali u regulatorju xieraq, l-involviment tan-negozji, kif ukoll l-impenn tal-partijiet ikkonċernati rilevanti kollha għal katini ta' valur sostenibbli, huwa kruċjali biex jinkiseb titjib konkret. Għal dan l-għan, il-Kunsill jappella lill-Kummissjoni biex issaħħaħ l-isforzi tagħha permezz tal-implimentazzjoni rapida u ambizzjuża biex tappoġġa katini ta' valur tal-ilbies sostenibbli u jieħu nota tajba tar-Riżoluzzjoni tal-PE li tappella għal azzjoni komprensiva f'dan is-settur. Barra minn hekk, il-Kunsill jappella lill-Kummissjoni biex tindirizza l-katini ta' valur tal-ilbies b'mod komprensiv li jestendi wkoll lil hinn mill-kooperazzjoni għall-iżvilupp li jippromwovi ambjent aktar sikur, aktar ekoloġiku u ġust fl-industrija tal-ilbies.